**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**Spettur Kurt Zahra)**

**vs.**

**Joseph Zammit**

Numru: 173/2006

Illum 15 ta' April 2019

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Zammit**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Anthony u Maria Dolores neé Bugeja, imwieled tas-Sliema nhar l-10 ta' Settembru 1978, residenti Flat 1, Triq il-Porzjunkula, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 431378(M)

akkuzat talli:

1. fid-19 ta' Frar 2006, fi Triq il-Wied, l-Iklin, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira[1], izda ma jeccedix l-elf lira Maltin[2], u bil-lok u dan ghad-dannu ta' Kenneth Micallef;

2. f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, saq il-vettura Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni BBE 819 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga f'ismu u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni;

3. sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta skont il-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 26).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 167a *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 170), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

[1] Ekwivalenti ghal €232.94.

[2] Ekwivalenti ghal €2329.37.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 176), lid-difiza tinforma lill-Qorti li ma kienx fil-hsiebha taghha li tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2017 (*a fol.* 177), waqt liema seduta d-difiza pprezentat Nota li giet immarkata bhala Dok. "X" (*a fol.* 178).

Rat in-Nota tal-imputat ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-10 ta' April 2017 (*a fol.* 179 *et seq.*).

Rat id-Digriet moghti fil-5 ta' Dicembru 2017 (*a fol.* 184 *et seq.*) fejn il-Qorti cahdet it-talba tad-difiza sabiex jergghu jinstemghu x-xhieda msemmija fin-Nota li giet immarkata bhala Dok. "X" (*a fol.* 178) u fin-Nota pprezentata fl-10 ta' April 2017 (*a fol.* 179 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tal-1 ta' Marzu 2018 u tat-22 ta' Mejju 2018, ix-xhud prodott mid-difiza (*a fol.* 201 *et seq.* u *a fol.* 205).

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019 (*a fol.* 212), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi tressaq f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduti tal-10 ta' Jannar 2019 (*a fol.* 212) u tad-9 ta' April 2019 (*a fol.* 220 *et seq.*), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2006, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Michael Mallia** (*a fol.* 36 *et seq.*) fejn qal li fid-19 ta' Frar 2006 ghall-habta tas-2.00pm gie nfurmat mill-*control room* li l-

Pulizija tal-*mobile* kienu arrestaw zewg persuni in konnessjoni ma' xi serq minn go residenza privata fl-Iklin. Irrizultalu li PC 1256 Simon Schembri, li huwa stazzjonat il-*mobile squad*, dakinhar kien *off duty* u waqt li kien ghaddej bil-vettura privata tieghu osserva lill-imputat ipparkjat f'vettura Ford Fiesta ta' kulur blu vicin residenza bl-isem "Dar il-Wied" sitwata fi Triq Wied, l-Iklin. Jghid li PC 1256 informa lill-*control room* u spjega x'gie infurmat li ra u ghamel PC 1536 fejn irrizultalu li l-imputat telaq minn fuq il-post. Jghid li eventwalment l-imputat u t-tfajla tieghu Sarah Caruana gew arrestati u saret tfittxija fuqhom fejn ma nstab xejn. Jghid li hu (l-iSpettur Mallia) kellem lill-imputat u lit-tfajla tieghu u jghid x'inghad lilu minnhom. Jghid li mentri ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat, Sarah Caruana giet rilaxxata. Ezebixxa: sett ritratti mehuda minn PS 1184 Patrick Grech (Dok. "MM" – *a fol.* 42), stqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "MM 1" – *a fol.* 43 *et seq.*), tliet sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat (Dok. "MM 2" sa Dok. "MM 4" – *a fol.* 45 *et seq.*), u rcevuta (Dok. "MM 5" – *a fol.* 51).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Michael Mallia** rega' ha l-pedana ta-xhieda fis-seduta tas-16 ta' Frar 2007 (*a fol.* 60) fejn ezebixxa bhala Dok. "MM" (*a fol.* 62 *et seq.*) sentenza moghtija fit-8 ta' Gunju 2005 mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2006, xehed ukoll **PC 445 Adrian Paul Bugeja** (*a fol.* 52 *et seq.*) fejn qal li fid-19 ta' Frar 2006 gew infurmati mill-*control room* li aktarx kienet qed issir serqa minn go residenza fl-Iklin fejn kien hemm vettura pajzana ta' kuntistabbli fil-*mobile squad* li kienet qed issegwi din il-vettura Fiesta blu, liema vettura pajzana bdiet taghti struzzjonijiet lill-*control room* biex jiccirkondaw il-post. Jghid li sadanittant tilef il-vettura l-ohra u membri tal-istess skwadra ntercettawha l-Qawra. Jghid li hu (PC 445) sejjah ghall-assistenza u huma tawh assistenza biex jigu arrestati l-imputat u mara li kien hemm gol-vettura Fiesta. Jispjega li z-zewg persuni msemmija ttiehdu l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra. Jghid li hu ghin fit-tfittxija fil-vettura minn liema tfittxija dakinhar ma nstab xejn fiha.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2006, xehed ukoll **PC 626 Giancarlo Benetti** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn qal li fid-19 ta' Frar 2006 gew infurmati li l-imputat kien involut f'xi serqa minn residenza gewwa l-Iklin. Jghid li waqt li kienu ghaddejjin *patrol* minn Triq Porzjunkula gewwa Bugibba, osservaw lill-imputat vicin il-vettura tieghu Ford Fiesta blu. Jghid li l-imputat gie arrestat, saritlu tfittxija u gie mittiehed l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra. Jghid li hu ma assista ghall-ebda tfittxija. Jghid li huma hadu struzzjonijiet mill-*control room*.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Frar 2007, xehed **PC 1256 Simon Schembri** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn meta gie mistoqsi jghid x'jiftakar dwar l-incident tas-16 ta' Frar 2006 huwa wiegeb li ghall-habta tas-1.30pm kien ghaddej bil-vettura privata tieghu minn Triq l-Iklin u nnota vettura b'zewg minn nies fiha, liema vettura kienet ipparkjata quddiem residenza fl-Iklin. Jghid li dawwar peress li ra lil dawn iz-zewg persuni suspettuzi. Jispjega li qaghad madwar tul ta' kantuniera boghod mill-vettura li kienu fiha u ra persuna hierga mir-residenza u bdiet tghabbi xi affarijiet fil-vettura. Jghid li dan il-persuna dahal u hareg darbtejn. Ma jistghax jghid x'kienu dawn l-oggetti. Jghid li cempel il-*control room* biex jibghatu lil xi hadd tal-*mobile* biex jiccekkjawhom u hin minnhom dahlet il-persuna l-ohra li kienet qed tistenna fil-vettura tghin lill-persuna li kienet qeghda gewwa fir-residenza. Jghid li dawn iz-zewg persuni telghu fil-vettura u bdew isuqu u li sadanittant hu (PC 1256) baqa' isuq warajhom ghal madwar hames minuti jew aktar. Jghid li bdew jghaddu minn hafna *one-ways* tant li kellu jieqaf peress li kien bil-vettura privata tieghu. Jghid li wara ftit iltaqa' ma' tal-*mobile squad* fejn tahom deskrizzjoni tal-vettura li jghid li kienet Ford Fiesta blu bl-ittri BBE. Jixhed li n-numri ma setghax jarhom peress li kienu mahmugin hafna. Ghad-domanda: *"Jigifieri s-suspect li ghaddejtilhom inti, inti ma tafx jekk dan eventwalment giex rintraccjat jew le? Jew taf?"* (*a fol.* 68), wiegeb: *"Jiena mbaghad lilu tliftu, lil din il-vettura tliftiha ghax kelli nieqaf. Iltqajt ma' tal-mobile ghax kienu tliet karozzi Valley Road. Tajthom id-description tal-karozza ezatt bl-ittri b'kollox u minn hemm komplew huma u ghidtilhom lejn liema naha gibed"* (*a fol.* 68). Mistoqsi jghid jekk lill-persuna li rah igorr l-affarijiet jaghrfux fl-awla, wiegeb: *"Jiena tajthom id-description ghaliex hu kellu barnuza li*

*kienet skura hafna u barnuza fix-xemx, kellu barnuza tas-suf, kien samrani u kien qasir"* (*a fol.* 68). Mitlub ihares fl-awla biex jara jekk jaghrfux, wiegeb: *"Kelli distanza li ma stajtx narah sewwa jiena u jiena lanqas hallejtu jinduna bija biex nkun nista' nara wiccu"* (*a fol.* 68). Jghid li huwa ta deskrizzjoni ta' din il-persuna minn fuq sa isfel u ta' x'kien liebes.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Frar 2007, xehed ukoll **Kenneth Micallef** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn meta gie mistoqsi jghid jekk jiftakarx li fis-16 ta' Frar 2006 kienx gie kkuntattjat mill-Pulizija, huwa wiegeb fl-affermattiv. Jghid li kellu zewg affarijiet fid-*drive-way* tieghu li kienet maghluqa b'*gate* liema affarijiet gew misruqa. Jispjega li kien barra ma' martu u mat-tfal u kif kien sejjer lura, cemplulu l-Pulizija u qalulu li kienu nsterqulu xi affarijiet u talbuh biex imur l-Ghassa tal-Pulizija biex jaghmel rapport. Jghid li mar l-Ghassa biex jaghmel rapport u li gie mistoqsi fuq l-affarijiet. Jghid li nsteraqlu kumpressur zghir li bih kien jonfoh it-*tyres* tal-vetturi u bicca ghodda ghall-gnien biex taqta' z-zkuk. Jghid li dawn kienu fid-*drive-in*. Mitlub jispjega kif inhu d-*drive-in*, wiegeb: *"Iva d-drive-in ghandu gate ta' l-elettriku kbira biss dak iz-zmien kelli gate, about 30 metres further down, il-gate fejn jidhlu n-nies kienet miftuha b'gate zghir li ma kinitx tinghalaq. Issa tinghalaq imma dak iz-zmien ma kinitx tinghalaq"* (*a fol.* 71). Meta gie muri r-ritratti (Dok. "MM" – *a fol.* 42), wiegeb li hawn qed jara l-kumpressur li serqulu u s-*shredder*. Ezebixxa bhala vera kopja tal-original ricevuti tal-affarijiet, li gew immarkati bhala Dok. "KM" (*a fol.* 74). Mistoqsi jghid il-valur, wiegeb: *"il-valur tal-kompressur kien Lm49.90 plus kien hemm xi Lm10 ohra tal-guns li ma ghandiex ricevuta hawn mentri l-valur tas-shredder kien ta' Lm174"* (*a fol.* 72). Jghid li mentri s-*shredder* gie mixtri f'Mejju 2000, il-kumpressur gie mixtri f'Marzu 2005.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2007, xehed **PS 1043 Francis Pace** (*a fol.* 76 *et seq.*) fejn qal li fid-19 ta' Frar 2006 rcieva rapport minn ghand Kenneth Micallef li rrapurtalu li kien insteraq mir-residenza tieghu "Dar il-Wied", Triq il-Wied, l-Iklin. Jghid li waqt li kien qed jittiehdlu r-rapport, Micallef rcieva telefonata minn ghand PS 90 fejn qallu li l-affarijiet misruqa kienu jinstabu ghand il-Pulizija.

Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "FP" (*a fol.* 78 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2007, xehed ukoll **Christopher Darmanin** (*a fol.* 80 *et seq.*) in rapprezentanza tad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet tal-vetturi fejn qal li gie nkarigat jaghmel ricerka dwar licenzja tas-sewqan ta' Joseph Zammit (I.D. Nru. 431378(M)), imwieled fl-10 ta' Settembru 1978. Jixhed li l-imsemmi Zammit ma ghandu l-ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan u li kellu skwalifika milli jottjeni licenzja tas-sewqan valida sal-5 ta' April 2006. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "CD" (*a fol.* 82 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2007, xehed **PS 1184 Patrick Grech** (*a fol.* 86) fejn ikkonferma li fl-20 ta' Frar 2006 ha l-erba' ritratti tal-kulur fl-ufficcju tal-iSpettur Michael Mallia (Dok. "MM" – *a fol.* 42).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2007, xehed ukoll **PC 525 Charlton Falzon Cascun** (*a fol.* 88 *et seq.*)[3] fejn qal li fl-10 ta' Mejju 2006 ghall-habta tat-8.00pm kienu gew infurmati mill-*control room* li kien hemm xi persuna gewwa l-Madliena li kienet ghadha kemm hadet xi affarijiet. Jghid li l-persuna kien qed jaghmel uzu minn Mercedes griz bin-numru ta' registrazzjoni CBJ 926. Jghid li huma ghazlu li joqghodu *observation* fl-inhawi ta' Kennedy Grove peress li kienet rotta li jiehdu hafna nies mill-Madliena. Jghid li madwar nofs siegha wara, intlemhet Mercedes bl-istess numru ta' registrazzjoni u dan gie mwaqqaf fejn fiha nstab li kien hemm l-imputat. Jghid li fuq il-post marru wkoll tal-Ghassa u spjega x'instab.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2007, xehed **PC 409 Joseph Zarb** (*a fol.* 91 *et seq.*) fejn spjega li fid-19 ta' Frar 2006 kienu ghadhom kemm bdew xoghol u dahal rapport illi vettura Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni BBE 819 kienet qed issuq bi *speed* eccessiv wara li harbet minn post fl-Iklin u li beda jsegwiha xi Pulizija iehor. Jghid li hekk kif wasal Birkirkara, lemah il-vettura u ghaddiet bi *speed* eccessiv mieghu. Jghid: *"Dawwart, pruvajt nilhaqha u ma lhaqtx u*

[3] Skond il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Lulju 2007 (*a fol.* 85) dan ix-xhud xehed rigward Rikors tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja.

*peress li gharaft lix-xufier taghha li huwa Joseph Zammit u naf li joqghod fl-appartamenti tal-Gvern tal-Qawra, soqt hemmhekk biex nistennieh u nzertajtu qed jipparkja ezatt l-vettura"* (*a fol.* 91). Jghid li gie mwaqqaf, mizmum u mittiehed l-Ghassa tal-Pulizija. Mistoqsi jghid x'kienet l-informazzjoni li giet mghoddija, jghid li kienet ghadha kemm saret serqa go villa fl-Iklin u li din il-vettura telqet b'velocita' kbira u bdiet issuq b'mod perikoluz hafna. Jghid li mieghu fil-vettura kellu lil PC 626. Mistoqsi jghid jekk wara xi jiem kienx involut f'xi haga ohra, wiegeb li kien xoghol u kien qieghed fuq in-naha tal-Qawra u Bugibba u dahal rapport li vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni CBJ 926 kienet ghadha kemm telqet minn fejn xi vilel fil-Madliena u ghabbiet xi *aluminium* go fiha. Jghid li waqaf is-Salini sabiex jaghmel *observation* u nzerta l-vettura ghaddejja minn quddiemu. Jghid li din giet imwaqqfa u li fiha kien hemm Joseph Zammit fejn ittiehed id-dar, saret tfittxija u marret tassistihom vettura ohra tal-*mobile*.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2008, xehed **David Saliba** (*a fol.* 95) fejn meta gie muri s-sentenza moghtija fit-12 ta' Gunju 2001 mill-Magistrat Dr. Carol Perlata (Dok. "MM 3" – *a fol.* 47 *et seq.*) qal li huwa kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur fil-kawza in kwistjoni u fejn gharaf li l-imputat huwa l-istess persuna kontra min inghatat din is-sentenza.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2009, xehed is-**Supritendent Carmelo Bartolo** (*a fol.* 114 *et seq.*) fejn gie muri s-sentenza moghtija fit-8 ta' Gunju 2005 mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi (Dok. "MM" – *a fol.* 62 *et seq.*) u qal li jaghraf din is-sentenza bhala dik is-sentenza li fiha kien il-Prosekutur taghha u gharaf lil Joseph Zammit indikat fl-okkju tas-sentenza bhala l-istess persuna.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, xehed l-i**Spettur Anthony Portelli** (*a fol.* 126 *et seq.*) fejn gie muri sentenza moghtija fil-25 ta' Jannar 2005 mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona (Dok. "MM 2" – *a fol.* 45 *et seq.*) u qal li huwa kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur fil-kawza in kwistjoni u liema sentenza nghatat fil-konfront tal-persuna li huwa l-imputat fil-kawza odjerna.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012, xehed is-**Supritendent Stephen Gatt** (*a fol.* 139) fejn gie muri sentenza (Dok. "MM 4" – *a fol.* 49 *et seq.*). Jghid li din hija sentenza tas-17 ta' April 2012 moghtija mill-Magistrat Dr. Abigail Lofaro. Gharaf lill-imputat bhala l-persuna kontra min inghatat din is-sentenza.

lli, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2013, xehdet **Bridgitte Fava** (in rapprezentanza tas-Sedqa – *a fol.* 149 *et seq.*) fejn spjegat li hija bdiet issegwi lill-imputat f'Jannar 2013 u li minkejja li ghal bidu l-kuntatt ma kienx daqshekk regolari, bdiet issegwi lill-imputat tramite l-*partner* tieghu u li mindu dahal il-habs f'Marzu kienet tmur tarah darba kull hmistax u ghandhom kuntatt regolari hemmhekk. Mistoqsi tghid kif inhu sejjer l-imputat, wiegbet li hi tara kambjament kbir. Tixhed: *"bejn kif nafu fuq barra u issa qieghed jinvesti hafna izjed fil-kuntatti li jkun hemm bejnietna. Fil-fatt anke minn naha tal-habs, ghax ghandi wkoll ir-rapport ta' Dr. Tonna li huwa l-Medical Officer tal-habs u jhalli l-urines b'mod regolari u l-urines huma kollha clean ukoll"* (*a fol.* 149). Ezebiet dan ir-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "BF" (*a fol.* 151).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2018, xehed **Noel Cassar** (in rapprezentanza tal-Caritas – *a fol.* 201) fejn qal li huwa *care worker*. Spjega li madwar erba' xhur u nofs qabel l-imputat beda programm mal-Caritas imsemmi bhala *Prison Inmates Programme*. Jghid li jinsabu sodisfatti bl-andament tal-imputat fil-programm li huwa twil disa' xhur. Jghid li l-imputat talab minn jeddu li jaghmel il-programm fil-frattemp li kien qed jiskonta sentenza.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kien hemm darba ohra li l-imputat ghamel programm maghhom. Mistoqsi jghid jekk dan il-programm li ghamel qabel l-imputat giex konkluz, jghid li *off-hand* ma kienx f'pozizzjoni jirrispondi. Jghid li, jekk mhux sejjer zbaljat, l-imputat ghamel programm darba ohra u mhux aktar. Jikkonferma li l-imputat jista' jaghmel programm mal-*Caritas*, ilestih, imbaghad jerga' jaghmel progamm iehor.

**Noel Cassar** rega' ha l-pedana ta-xhieda fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 205) fejn ipprezenta bhala Dok. "NC 1" (*a fol.* 206 *et seq.*)

rapport dettaljat tal-programm kollu li ghamel l-imputat mill-bidu sal-ahhar. Jghid li fid-29 ta' April 2018 l-imputat spicca l-programm u, minkejja li l-imputat kellu jmur ghal *follow up*, ma attendiex.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputat qed jigi akkuzat b'serq ikkwalifikat bil-valur u b'sewqan minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta'. L-imputat qed jigi akkuzat ukoll li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'diversi sentenzi skond il-provedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiza rrimettew ruhhom ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali, u dana minkejja li d-difiza kienet originarjament inghatat zmien biex tipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet taghha kif mitlub minnha, liema Nota ta' Sottomissjonijiet baqghet qatt ma giet prezentata.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li ser tigi skartata l-istqarrija (Dok. "MM 1 – *a fol.* 43 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fl-20 ta' Frar 2006 u dana *stante* li din l-istqarrija ttiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija u dana in vista tal-gurisprudenza kopjuza ricenti, b'mod partikolari dik moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta** u, fost l-ohrajn, dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**. Riferenza ghandha ssir ukoll ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-

kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella** f'liema kawza l-Qorti Kostituzzjonali trattat il-kwistjoni meta l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt pero' l-imputat ma kellux avukat prezenti mieghu <u>waqt</u> it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni.

Kif nghad hawn fuq, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-imputat *stante* li ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti d-dritt imsemmi hawn fuq, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrija wkoll. Ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta wkoll bhala inammissibbli x-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni u ser tiskarta wkoll l-ircevuta mmarkata bhala Dok. "MM 5" (*a fol.* 51).

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

<u>**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**</u>
<u>**(Serq Ikkwalifikat bil-Valur)**</u>:
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'serq, liema serq qed jigi allegat li huwa kkwalifikat bil-valur.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:

*"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro."*

(Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- L-imputazzjoni taghmel riferenza ghad-data tad-19 ta' Frar 2006.

- Meta l-imputat u t-tfajla tieghu Sarah Caruana gew arrestati, ma nstab xejn fuqhom meta saret tfittxija.

- PC 445 Adrian Paul Bugeja spjega kif fid-19 ta' Frar 2006 huwa kien sejjah ghall-assistenza fejn huwa kien wiehed minn nies li kien ta l-assistenza biex jigu arrestati l-imputat u Sarah Caruana li kienu gol-vettura Fiesta. Jghid li hu ghin fit-tfittxija fil-vettura, pero' dakinhar ma nstab xejn fil-vettura.

- PC 626 Giancarlo Benetti qal li fid-19 ta' Frar 2006 kienu gew infurmati li l-imputat kien involut f'xi serqa minn residenza gewwa l-Iklin u waqt li kienu ghaddejjin *patrol* minn Triq Porzjunkula gewwa Bugibba, gie osservat l-imputat vicin il-vettura tieghu Ford Fiesta blu u gie arrestat.

- Ghad-domanda mill-Prosekuzzjoni x'jiftakar dwar l-incident tas-16 ta' Frar 2006 (domanda li l-Qorti kif preseduta ma kinitx taccetta li ssir), PC 1256 Simon Schembri (minghajr ma ghamel l-ebda riferenza ghad-data tad-19 ta' Frar 2006) spjega li waqt li kien ghaddej bil-vettura privata tieghu minn Triq l-Iklin, innota vettura pparkjata quddiem residenza fl-Iklin, liema vettura jghid li kellha zewg minn nies fiha. Spjega li waqqaf il-vettura tieghu u qaghad josserva x'kien qed isir. Jghid ukoll li dawn iz-zewg persuni telqu minn fuq il-post u li huwa ta d-dettalji tal-vettura li kienu fiha z-zewg persuni lil tal-*mobile*, liema vettura kienet Ford Fiesta blu bl-ittri BBE. Meta gie mitlub ihares fl-awla biex jghid jekk jaghrafx lill-wiehed mill-persuni in kwistjoni, wiegeb: *"Kelli distanza li ma stajtx narah sewwa jiena u jiena lanqas hallejtu jinduna bija biex nkun nista' nara wiccu"* (*a fol.* 68).

- Anke meta xehed Kenneth Micallef, il-Prosekuzzjoni ghamlitlu riferenza ghad-data tas-16 ta' Frar 2006 fejn huwa kkonferma li dakinhar kien gie kkuntattjat mill-Pulizija. Waqt id-depozizzjoni tieghu, Micallef qatt ma jsemmi d-data tad-19 ta' Frar 2006. Spjega x'kellu fid-*drive way* u x'gie misruq minnha.

- Kemm fid-depozizzjoni moghtija minnu u kif ukoll fl-okkorrenza (Dok. "FP" – *a fol.* 78 *et seq.*), PS 1043 Francis Pace jaghmel riferenza ghad-data tad-19 ta' Frar 2006 bhala l-gurnata meta Kenneth Micallef mar jirraporta li gie misruq.

- Christopher Darmanin, ir-rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet xehed biss fir-rigward ta' jekk l-imputat kellux licenzja tas-sewqan. Huwa ma giex mitlub jixhed fir-rigward tal-ebda vettura li ssir riferenza ghaliha fl-atti processwali.

- Ghad-domanda li saret mill-Prosekuzzjoni lil PC 409 Joseph Zarb biex jispjega x'jaf dwar dak li gara fid-19 ta' Frar 2006, PC 409 Joseph Zarb spjega li vettura Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni BBE 819 ghaddiet bi *speed* eccessiv mieghu u jghid x'ghamel. Jghid li gharaf lix-xufier taghha li huwa Joseph Zammit u peress li jaf fejn joqghod saq fejn ir-residenza tieghu u nzertah qed jipparkja l-vettura. Jghid ukoll li Zammit gie mwaqqaf, mizmum u ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija. Jghid li mieghu fil-vettura kellu lil PC 626. Huwa ma identifikatx lill-imputat fl-awla pero' ghall-kompletezza jinghad li waqt id-depozizzjoni tieghu jaghmel riferenza ghal *"l-imputat"* wara li gie mistoqsi: *"Eventwalment x'tiftakar iktar dwar l-imputat"* (*a fol.* 92).

- PC 525 Charlton Falzon Cascun xehed fir-rigward ta' rikors tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja u dana kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' Lulju 2007 (*a fol.* 85), liema Rikors il-Qorti kif preseduta tassumi li huwa dak li gie ntavolat fit-22 ta' Mejju 2006 (*a fol.* 28) li jidher li baqa' qatt ma gie degretat b'mod finali.

- Minkejja li jinghad li flimkien mal-imputat kien hemm Sarah Caruana, l-imsemmija Sarah Caruana ma gietx mressqa bhala xhud mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri u dana minkejja li l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Michael Mallia xehed li filwaqt li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat, Sarah Caruana giet rilaxxata.

Illi l-Qorti tinnota, minghajr tlaqlieq, li l-gbir tal-provi f'dawn il-proceduri ma kien wiehed felici xejn. Il-kawza ilha tinstema' minn Frar 2006. Il-Qorti mhux ser tidhol fil-kwistjoni ghala l-kawza damet dan iz-zmien kollu biex tigi fi tmiemha ghax dan jirrizulta mill-atti processwali pero' l-Qorti tinnota li kull parti nvoluta f'dawn il-proceduri kellha, b'xi mod jew iehor, involviment ghala din il-kawza hadet dawn is-snin kollu. Dan m'ghandux ikun il-kaz. Ma jirrizultax li l-imputat lmenta minn xi dewmien fil-proceduri. Minkejja dan, m'huwiex san li l-gbir tal-provi jigi spezzetat bil-mod kif gie spezzetat f'dan il-kaz.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li meta jittiehed in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, inkluz il-fatt li l-istqarrija tal-imputat giet skartata, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tasal ghall-konkluzjoni li effettivament l-imputazzjoni in ezami giet sodisfactentement pruvata. Kien hemm cirkustanzi fejn lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Prosekuzzjoni ghamlitilhom riferenza zbaljata ghad-data tas-serqa in kwistjoni meta kienet qed taghmlilhom id-domandi (u li b'hekk tali cirkostanza tikkrea kunflitt fil-provi prodotti mill-istess Prosekuzzjoni). Kien hemm ukoll cirkostanzi fejn l-imputat baqa' qatt ma gie identifikat fl-awla u dana apparti l-fatt li meta saret tfittxija meta l-imputat gie mwaqqaf ma nstab xejn.

Illi l-Qorti hija konxja tal-fatt li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna imputata u hija wkoll konxja li ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Pero', tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tista' qatt issib lill-imputat hati tar-reat msemmi fl-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u ovvjament lanqas tal-kwalifika msemmija fl-imputazzjoni u b'hekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Sewqan ta' vettura minghajr licenzja u minghajr polza ta' assigurazzjoni)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li saq vettura Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni BBE 819 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga f'ismu u li b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni.

Illi l-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, izzid tghid li hadd mill-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri ma ghamel riferenza ghan-numru tal-vettura li ssir riferenza ghaliha fit-tieni (2) imputazzjoni u dana ghajr ghal PC 1256 Simon Schembri li jghid li seta' jara li l-vettura kienet Ford Fiesta blu bl-ittri BBE u ghal PC 409 Joseph Zarb li ghamel riferenza ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBE 819 u li waqt id-depozizzjoni tieghu saret

riferenza ghad-19 ta' Frar 2006 meta saret domanda mill-Prosekuzzjoni. Kien ikun ferm ahjar kieku d-data qalha x-xhud inniffsu milli din intqalet mill-iSpettur li kien qed jaghmel il-mistoqsija. Ovvjament, ma jridx jintnesa' li xhieda ohra saritilhom riferenza ghas-16 ta' Frar 2006 minghajr ma tali xhieda ghamlu korrezzjoni tad-data in kwistjoni. Kif inghad fil-konsiderazzjonijiet rigward l-ewwel (1) imputazzjoni, Christopher Darmanin, ir-rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet, xehed biss rigward il-licenzja tas-sewqan *o meno* tal-imputat. Huwa ma xehedx dwar il-vettura *per se.*

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha wkoll.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiv u Ksur ta' Kundizzjonijiet)</u>**:
Illi taht iz-zewg imputazzjonijiet in ezami l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'diversi sentenzi skond il-provedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Mehud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti setghet biss tispekula dwar jekk l-imputat kellux jinstab hati ta' dak li huwa gie akkuzat bih f'dawn il-proceduri, b'mod partikolari taht l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi, mehud dak kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Joseph Zammit hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

___________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

___________________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**